# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar il-Hamis**
**Sebgħa u għoxrin (27) ta’ Jannar 2022**

**Rikors Numru 302/2011 FDP**

Fl-ismijiet

**Nathalie Bartolo (K.I.585562M)**

**Vs**

**Dentist Dr. Jeffrey Pullicino Orlando (K.I. 214780M)**
**Dentist Dr. Alexander Azzopardi (K.I. 494260M)**
**Id-Direttur Ġenerali tas-Saħħa u t-Tabib Prinċipali tal-Gvern**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 24 ta’ Marzu 2011, li permezz tiegħu r-rikorrenti ppremettiet u talbet is-segwenti:

   *1. Illi fl-2009 l-esponenti kienet taħt il-kura tal-intimat id-Dentist Onor. Dr Jeffrey Pullicino Orlando fejn għamel numru ta’ interventi ta’ dentistrija fuqha, iżda tali interventi ħallewha ssofri minn uġiegħ kroniku;*

   *2. Illi sussegwentement l-esponenti marret għal kura għand l-intimat id-Dentist Dr Alexander Azzopardi fejn reġa’ għamel numru ta’ interventi ta’ dentistrija fuqha, oltre li rreferiha għal bone biopsy li ġiet eżegwita fl-isptar*

*Mater Dei, liema sptar huwa amministrat mill-intimati d-Direttur Ġenerali tas-Saħħa u t-Tabib Prinċipali tal-Gvern;*

*3. Illi l-imsemmija interventi li saru mill-intimati u taħt ir-responsabbilta professjonali tagħhom saru b'negliġenza, traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' prudenza, diliġenza u attenzjoni da parti tal-konvenuti, jew min minnhom;*

*4. Illi konsegwenza tal-imsemmija interventi l-esponenti sofriet danni, inklużi korriment, debilita u inkapaċita permanenti hekk kif anke ċertifikat mill-Consultant Maxillofacial Surgeon Mr Darryl Coombes (Dok. NB1);*

*5. Illi l-konvenuti ġew interpellati, anke uffiċjalment permezz ta' ittra uffiċjali tal-ewwel (1) ta' Frar elfejn u ħdax (2011) (Dok. NB 2), sabiex jgħaddu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni kawżati minnhom, jew min minnhom, iżda baqgħu inadempjenti;*

*Għaldaqstant, jgħidu l-konvenuti, jew min minnhom, għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni oħra li tista' tkun neċessarja:*

*1. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli għad-danni, inklużi korriment, debilita u inkapaċita permanenti li soffriet l-esponenti in segwitu għall-interventi mediċi u ta' dentistrija eżegwiti fuqha mill-intimati jew min minnhom kif fuq premess;*

*2. Tillikwida, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi, d-danni sofferti mill-esponenti kif premess, inkluż damnum emergens u lucrum cessans;*

*3. Tikkundanna lill-istess konvenuti, jew min minnhom, iħallsu lill-esponenti d-danni hekk likwidati.*

*Bir-riserva għal kull azzjoni fil-liġi; bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-1 ta' Frar 2011 u bl-imgħaxijiet kontra l-konvenuti, jew min minnhom, inġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fid-29 ta' April 2011 l-intimat Tabib Prinċipali tal-Gvern u Dr. Alexander Azzopardi irrispondew għal dak mitlub billi qajmu is-segwenti difiżi:

*1. Illi preliminarjament in kwantu l-azzjoni hija diretta lejn it-Tabib Prinċipali tal-Gvern tali azzjoni hija karenti minn fundament ġuridiku stante illi dan l-intimat ma wettaq ebda intervent fuq ir-rikorrenta. Dan l-intimat jirrispondi biss għal culpa in eligendo u culpa in vigilando liema elementi lanqas biss huma allegati fir-rikors.*

*2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għal premess in kwantu l-azzjoni hija diretta lejn l-intimat Dr Alexander Azzopardi, l-allegazzjonijiet*

*kollha fil-konfront tiegħu huma nfondati stante illi kwalsiasi kura u trattament mediku illi dana l-intimat ta lir-rikorrenta kien secundum artem u għalhekk kwalsiasi dannu allegatament soffert mir-rikorrenta ma hux riżultat ta' xi nuqqas da parti tiegħu.*

*3. Salv' eċċezzjonijiet oħra.*

3. Rat illi fid-9 ta' Mejju 2011, l-intimat L-Onoerevoli Dr. Jeffrey Pullicino Orlando irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

*1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan stante li l-eċċipjenti b'ebda mod ma huwa responsabbli għal kwalunkwe danni li l-attriċi tallega li soffriet;*

*2. Illi, f'dan il-kuntest, ukoll għandu jirriżulta mir-rapport ex parte intavolat mill-attriċi stess, illi tali allegat danni u debilita ta' natura permanenti, anke jekk semmai jirriżultaw kif allegat, ma humiex b'ebda mod attribwibbli għal xi att jew ommissjoni ta' l-eċċipjenti;*

*3. Illi l-eċċipjenti eżerċita kull każ u kura lill-attriċi bl-aħjar mod possibbli għaċ-ċirkostanzi li l-istess attriċi ppreżentat lill-eċċipjenti; mill-mument illi hija ġiet għandu b'lanjanza fuq dentist ieħor, sakemm telqet minn għandu b'lanjanza fuq l-eċċipjenti mill-ġdid għal dentist ieħor – u dan kif jista' jirriżulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*4. Illi konsegwenzjalment, l-eċċipjenti ma huwiex responsabbli għal ebda danni lmentati mill-attriċi, u t-talbiet attriċi, in kwantu rivolti lejh għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż.*

*5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

**Provi:**

4. Rat illi fit-12 ta' Mejju 2011, il-Qorti appuntat lil Dr Vincent Galea bħala Perit Legali sabiex jirrelata dwar il-każ.

5. Rat illi fis-26 ta' Ottubru 2011 ġie appuntat il-Professur John Portelli bħala Espert Tekniku.

6. Rat il-file mediku tar-rikorrenti eżebit fl-atti tal-proċess fit-13 ta' Frar 2012 (fol 38 sa 283 tal-proċess).

7. Rat illi fit-3 ta' April 2012 ġie ippreżentat CD Xray tar-rikorrenti mill-Aġent Supretendent Sptar Mater Dei. (fol 288)

8. Rat illi ġie ppreżentat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Vincent Galea ippreżentat fis-26 ta' Ġunju 2020 u maħluf fit-30 ta' Settembru 2020 (fol 438), fejn inġiebu s-segwenti xhieda:

    a. Rat li ġie ppreżentat affidavit ta' Nathalie Bartolo, ippreżentat fit-8 ta' Ottubru 2012 (fol 302).
    b. Rat ix-xhieda ta' Anthony Zammit datata 5 ta' Settembru 2011 (fol 473).
    c. Rat ix-xhieda ta' Carmen Delicata datata 5 ta' Settembru 2011 (fol 475).
    d. Rat ix-xhieda tad-dentist Mr James Galea datata 28 ta' Mejju 2012 (fol 481).
    e. Rat ix-xhieda ta' Mr James Galea datata 28 ta' Mejju 2012 (fol 485).
    f. Rat ix-xhieda tad-dentist John Felice datata 30 ta' Jannar 2013 (fol 490).
    g. Rat ix-xhieda ta' John Felice datata 30 ta' Jannar 2013 (fol 492).
    h. Rat ix-xhieda ta' Dr. Marilyn Casha datata 21 ta' Ġunju 2013 u eżebiet il-clinical notes bħala Dok MC1 (fol 495).
    i. Rat ix-xhieda tad-dentist Mr Jan Muscat datata 18 ta' Settembru 2013 (fol 501).
    j. Rat ix-xhieda ta' Christine Bartolo, oħt ir-rikorrenti, datata 6 ta' Novembru 2013 (fol 504).
    k. Rat ix-xhieda ta' Carmel Bartolo, r-raġel tar-rikorrent, datata 9 ta' Jannar 2014 (fol 508).
    l. Rat li ġie ppreżentat affidavit ta' Dr. Jeffrey Pullicino Orlando fil-11 ta' Frar 2014 (fol 328).
    m. Rat li ġie ppreżentat affidavit ta' Marvic Zammit, Dental Assistant fil-klinika ta' Dr Pullicino Orlando, fit-28 ta' Frar 2014 (fol 327).
    n. Rat ix-xhieda tar-rikorrenti in kontro-eżami datata 11 ta' Frar 2014 (fol 512).
    o. Rat li ġie ppreżentat affidavit ta' Johanna Cauchi fil-5 ta' Frar 2015 (fol 338).
    p. Rat li ġie ppreżentat l-affidavit ta' Dr. Alexander Azzopardi fil-5 ta' Frar 2015 (fol 340).
    q. Rat ix-xhieda ta' Dr. Jeffrey Pullicino Orlando in kontro-eżami datata 16 ta' Ġunju 2015 (fol 522).
    r. Rat ix-xhieda ta' Dr. Marilyn Casha in kontro-eżami datata 9 ta' Lulju 2015 (fol 526).
    s. Rat ix-xhieda ta' Dr. Darryl Coombes datata 24 ta' April 2017 (fol 532).

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Nathalie Bartolo ippreżentata fil-31 ta' Mejju 2017 (fol 355).

10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti Dr. Alexander Azzopardi, D.G. Tas-Saħħa u t-Tabib Prinċipali tal-Gvern ippreżentata fil-5 ta' Lulju 2017 (fol 372).

11. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tad-dentist Onor. Dottor Jeffrey Pullicino Orlando ippreżentata fl-20 ta' Lulju 2017 (fol 386).

12. Rat ir-rapport tal-espert dentista speċjalista nominat mill-Qorti, il-Professur John Mark Portelli ippreżentat fid-9 ta' Marzu 2020 u maħluf fil-25 ta' Settembru 2020 (fol 537).

13. Rat li gew ippreżentati ir-risposti in eskussjoni tal-perit espert tal-Qorti il-Professur John Portelli għad-domandi ta' Nathalie Bartolo. (fol 565).

14. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ulterjuri ta’ Nathalie Bartolo ippreżentata fl-14 ta’ Lulju 2021 (fol 577).

15. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva ulterjuri tad-dentist Dottor Jeffrey Pullicino Orlando ippreżentata fil-15 ta’ Novembru 2021. (fol 580).

16. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ulterjuri tal-konvenuti Direttur Ġenerali tas-Saħħa, Tabib Prinċipali tal-Gvern u Dr. Alexander Azzopardi ippreżentata fl-24 ta’ Novembru 2021 (fol 617).

## Fatti tal-każ

17. Jirriżulta li fit-13 ta’ Marzu 2009, ir-rikorrenti, wara li kellha żewġt idras imneħħija minn dentist ieħor, marret għand id-dentist Dr. Jeffrey Pullicino Orlando sabiex isolvilha l-problema tal-ispazju fis-snien w il-fatt illi kien qiegħed jeħlilha l-ikel, u dan peress illi d-dentist preċendenti, Dr Jan Muscat, ma kienx f’posizzjoni illi jsolvilha d-diffikulta’ li kellha.

18. Jirriżulta illi, fl-24 ta’ Marzu 2009, wara illi huwa, wara li qassrilha sniena, huwa pproċeda biex waħħlilha bridge. Wara dina l-operazzjoni, ir-rikorrenti bdiet tilmenta minn uġiegh fix-xedaq, u għalhekk, fit-22 ta’ Ġunju 2009, Dr Pullicino Orlando huwa għamel intervent ta’ root treatment fuq ir-rikorrenti, li tkompla fis-16 ta’ Lulju 2009 u eventwalment tlesta fit-23 ta’ Lulju 2009. Jirriżulta wkoll li sakemm kien qed isir ir-root treatment inqala’ l-bridge u l-bridge reġa’ mbagħad twaħħal.

19. Jirriżulta illi, minkejja tali proċess, ir-rikorrenti baqgħet tilmenta b’uġiegħ u f’Awwissu 2009, hija reġgħet marret għand Dr. Pullicino Orlando tilmenta minn uġiegħ, fejn Dr Pullicino Orlando qala’ l-bridge – madanakollu, l-uġiegħ baqa’ hemm.

20. Kien għalhekk illi r-rikorrenti għażlet illi ma terġgħax tmur għand Dr. Pullicino Orlando u f’Awissu 2009 marret għand Dr. John Felice, li, da parte tiegħu, ħejja rapport, liema rapport kien jgħid b’mod ċar, li r-root canal treatment u l-bridge li kienu saru minn Dr. Jeffrey Pullicino kellhom jerġgħu jsiru mill-ġdid.

21. Peress illi r-rikorrenti ma ridetx terġa’ tmur għand Dr. Pullicino Orlando, Dr. Felice kien irreferiha gġal Dr. Alex Azzopardi.

22. Jirriżulta, li Dr. Alex Azzopardi kien qal lir-rikorrenti li kien aħjar li kieku reġgħet irritornat għand Dr. Pullicino Orlando, iżda peress li r-rikorrenti ma xtaqitx terġa’ tmur għandu, kienet talbet lilu jagħmel ir-root canal treatment mill-ġdid, liema trattamenti saru f’ħames okkażjonijiet bejn Settembru u Ottubru 2009.

23. Minkejja tali interventi kollha, r-rikorrenti xorta baqgħet tilmenta minn uġiegħ, u għalhekk Dr. Azzopardi, li kien konvint li r-root treatment kien, din id-darba, sar sew, ipproċeda biex għamel ‘bone biopsy’ fuq ir-rikorrenti fit-13 ta’ April 2010, fejn irriżulta lir-rikorrenti kellha *chronic osteomyelitis*, ossija infezzjoni fl-għadma, u ingħatat l-antibiotiċi għal dan.

24. Jirriżulta, li sussegwentement għal dan, ir-rikorrenti kienet reġgħet marret għand Dr. Azzopardi tilmenta minn uġigħ fis-snien fejn sarilha r-root treatment u xtaqet li jerġa' jsir ir-root treatment. Dr. Azzopardi kien tenna li din kienet l-aħħar darba li kien qed jagħmel dan ir-root treatment u waqt li kien qed inaddaf sostna li r-rikorrenti kienet qed tħossu jagħmel it-trattament, u ma jidhirx li kellha xofftejha imtarrxa.

25. Jirriżulta wkoll, li f'Settembru 2010, ir-rikorrenti marret għand dentist ieħor, ossija Mr. James Galea, li qal li hija kienet qed tbati minn severe neurological pain li huwa uġigħ li jista' jkun kemm mis-snien u kemm mill-'jaw', liema uġigħ hu diffiċli li jiġi trattat u beda jagħti lir-rikorrenti pilloli differenti. Jirriżulta li rreferiha għal Dr. Norbert Vella minħabba n-neurological pain iżda dan kien għalxejn.

26. Jirriżulta li sussegwentement, Mr. James Galea rrefera lir-rikorrenti għand speċjalista Ingliż Mr. Darryl Coombes. Dr. Coombes kien intervjena fuq ir-rikorrenti permezz ta' cryotherapy, iżda kien sostna li meta intervjena hu, in-nerv kien diġa danneġġjat, tant li r-rikorrenti baqgħet b'dan l-uġigħ kontinwu.

**Ikkunsidrat**

27. Jirriżulta illi fir-rapport tiegħu, il-Perit Mediku appuntat mill-Qorti, il-Professur John Portelli, ikkonkluda li l-uġigħ li għandha r-rikorrenti mhuwiex konsegwenza tal-intervent ta' Dr. Jeffrey Pullicino Orlando u lanqas konsegwenza ta' l-intervent ta' Dr. Alex Azzopardi.

28. Jirriżulta, madanakollu, l-istess Espert Mediku jikkonkludi, fir-rapport tiegħu, li invista tal-fatt li r-root canal treatment li sar minn Dr. Jeffrey Pullicino Orlando ġie ppruvat li kien inadegwat, kif minnu stess ammess wkoll, Dr. Jeffrey Pullicino għandu jħallas il-miżati u spejjeż inkorsi ma' dan it-trattament u intervent, u għandu jħallas ukoll għar-root treatment li sar sussegwentement minn Dr. Alex Azzopardi.

29. In eskussjoni, il-Perit mediku Mr. John Portelli wieġeb li meta r-rikorrenti kellha uġigħ wara l-intervent ta' Dr. Pullicino Orlando, kellu jirriżulta uġigħ akut mhux kroniku. Huwa wieġeb ukoll li ma jaqbilx li Bartolo ma kellhiex infezzjoni fl-għadam, u rrefera għar-rapport tal-laboratorju dwar dan, li jikkonferma li kien hemm infezzjoni fl-għadma. Huwa meta reġa' ġie mistoqsi dwar in-nerv, irrefera għax-xhieda ta' Dr. Marilyn Casha li kkonfermat li r-rikorrenti mhijiex tilmenta biss min-nerv, iżda qed tħoss uġigħ li jeffetwa l-middle u l-lower third tal-wiċċ. Ikkonferma li r-rikorrenti qed tbagħti minn dysthesia u chronic facial pain. Wieġeb li bl-ebda mod ma jista' jgħid li dan l-uġigħ huwa riżultat tal-biopsy anzi jirriżulta li r-rikorrenti kellha dan l-uġigħ qabel marret għand Dr. Azzopardi. Fl-aħħarnett, rigward l-uġigħ li għadha ssofri minnu r-rikorrenti, l-Perit Mediku rrefera għal dak li qalet Dr. Marilyn Casha, Pain Specialist, fejn ddefinietu bħala: "*uġigħ inkrepattiv u dan peress li fuq barra ma jidher xejn*" u stqarr illi l-uġigħ kien riżultat ta' chronic facial pain fuq in-naħa tal-lemin fl-area tal-Maxillary and mandibular nerves.

**Ikkunsidrat**

30. Jirriżulta, mill-premessi u mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti qiegħda, permezz tal-azzjoni preżenti, titlob danni materjali u personali, kemm tat-tip *damnum emergens* kif ukoll tat-tip *lucrum cessans*, u dana abbażi tal-allegati danni sofferti minnha in segwitu għal interventi ta' dentistrija. Fil-fatt, ir-rikorrenti tinsisti li, konsegwenza tal-interventi sarulha, hija qed issofri minn danni attwali u futuri, kif ukoll minn diżabilità fuq il-persuna tagħha.

31. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimati lkoll qed jikkontestaw tali rikjesta.

    a. L-intimat Dr. Jeffrey Pullicino Orlando irrespinġa l-pretensjonijiet tar-rikorrenti billi eċċepixxa li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Inoltre`, sostna wkoll li kwalunkwe allegata debilita` permanenti tar-rikorrenti ma tistax tiġi attribwita lilu stante li huwa eżerċita l-kura bl-aħjar mod possibbli meta r-rikorrenti kienet ġiet għandu b'lanjanza fuq dentist ieħor. Għalhekk, ġie eċċepit li huwa mhuwiex responsabbli għal ebda danni.

    b. L-intimat Tabib Prinċipali tal-Gvern eċċepixxa li din l-azzjoni, in kwantu diretta lejh, hija karenti minn fundament ġuridiku stante li ma wettaq ebda intervent fuq ir-rikorrenti.

    c. L-intimat Dr. Alex Azzopardi, da parte tiegħu, eċċepixxa li in kwantu din l-azzjoni hija diretta kontrieh, l-allegazzjonijiet kollha fil-konfront tiegħu huma infondati stante li kwalsiasi kura u trattament mediku kien 'secundum artem', għalhekk kwalsiasi dannu soffert mir-rikorrenti mhuwiex riżultat ta' ebda nuqqas da parti tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet – Responsabbilta`**

32. Kif ġia ġie osservat aktar 'il fuq, ir-rikorrenti, permezz tal-proċedura odjerna, qed issostni li hija soffriet danni wara l-interventi ta' dentistrija imwettqa minn Dr Jeffrey Pullicino Orlando u minn Dr. Alex Azzopardi.

33. Il-Qorti hawnhekk tibda billi tosserva illi huwa prinċipju assodat li min jallega jrid jipprova. Infatti, hija regola ġenerali, li l-piż tal-prova huwa fuq min jafferma fatt, *onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat* (Ara **Joseph Zammit vs Joseph Hili**, Vol. XXXVII-I-578.

34. Dana qiegħed jingħad peress illi jirriżulta, mill-assjem tal-provi prodotti, li hemm diverġenza fil-provi rigward il-mument meta r-rikorrenti marret l-ewwel għand Dr. Jeffrey Pullicino Orlando, fejn filwaqt illi r-rikorrenti ssostni li ma kellhiex uġiegħ u marret biss sabiex issolvi l-problema li kellha bl-ikel jeħel fejn ma kellhiex aktar snien, Dr. Jeffrey Pullicino Orlando, da parte tiegħu, sostna li hija kienet ilmentat minn uġiegħ sa mill-ewwel darba li marret għandu qabel l-intervent.

35. Għandu jigi osservat, madanakollu, kif ammess mir-rikorrenti stess, illi qabel ma marret għand Pullicino Orlando, hija kienet għamlet root canal treatment għand dentist ieħor preċedentement, ossija Dr Audrey Camilleri, u eventwalment marret għand id-dentist Mr Jan Muscat, li fix-xhieda tiegħu kkonferma li huwa kien ikkonstata li r-rikorrenti kienet għadha muġugħa u għalhekk ipproċeda biex ineħħi s-sinna li fuqha kien sar ir-root treatment.

36. Filwaqt illi Muscat ikkonferma li meta marret għandu, r-rikorrenti kienet muġugħa, huwa saħaq illi f'visti sussegwenti, sa l-aħħar vista li saret għandu fid-19 ta' Jannar 2019, ir-rikorrenti ma kinetx qiegħda tilmenta b'xi uġiegħ fi snienha.

37. Fil-każ in eżami, ir-rikorrenti tinsisti li hija bdiet tbagħti mill-uġiegħ li minnu tilmenta issa, wara illi operaha Dr Pullicino Orlando, filwaqt illi Dr Pullicino Orlando jisħaq illi ġia kellha uġiegħ meta marret għandu.

38. It-teżi tar-rikorrent hija korroborata minn Dr. James Galea u Dr. Darryl Coombes. Dawn iż-żewġ tobba ikkonfermaw li r-root canal treatment li kien sar minn Dr. Jeffrey Pullicino Orlando, kienu qosra, fatt ammess minn Dr Pullicino Orlando stess, fejn sussegwentement dawna kellhom jitneħħew, u Dr. Alex Azzopardi eventwalment għamel root canal treatment ġdid li, din id-darba, kellu l-eżitu mixtieq. Dwar dan jidher li m'hemmx kontestazzjoni.

39. Il-kontestazzjoni prinċipali hija li Dr. Galea u Dr. Coombes isostnu li n-nerv fix-xedaq tar-rikorrenti ġie ddanneġġjat waqt il-'bone biopsy' li saritilha minn Dr. Azzopardi. Minn naħa l-oħra, Dr. Azzopardi, sostna, li ma ġie ppruvat bl-ebda mod li n-nerv tar-rikorrenti ġie ddanneġġjat waqt il-biopsy.

40. Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi, in vista tas-serje twila ta' dentisti differenti illi r-rikorrenti marret għandhom sabiex jikkurawlha snienha u in vista tal-varji interventi u t-testijiet li sarulha, evidentement teżisti xhieda kontrastanti f'ċerta aspetti. F'każ li jkun hemm żewġ verżjonijiet differenti, il-Qorti trid tiddeċiedi fuq dak li jnissel ċertezza morali.

41. Kif inhu risaput fil-ġurisprudenza, u kif intqal fil-każ **Moviment Azzjoni Soċjali vs Noel Borg** 9188/2007/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju 2014:

> *"Din il-Qorti tgħid li għal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja* ***Borg vs Bartolo*** *deċiż mill-Qorti tal-Appell inferjuri fil-25 ta' Ġunju 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabiltajiet." (***Caruana vs Laurenti*** *deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-8 ta' April 1994; Borg vs Manager tal-intrapriża tal-ħalib deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fis-17 ta' Lulju 1981;* ***Vassallo vs Pace*** *(Vol.LXX.II.144 u* ***Zammit vs Petrococchino*** *deċiża mill-Appell Kummerċjali fil-25 ta' Frar 1952).*

42. L-**Artikolu 1045(1) tal-Kap 16** tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

> *"Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha….hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun iġib direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali, u t-telf ta' qliegħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib."*

43. Abbażi ta' tali disposizzjoni tal-liġi, jirriżulta ċar, li jeħtieġ li jiġi pruvat ness ta' kawża u effett ma' l-att jew ommissjoni u l-effett dirett fuq min qed jirreklama danni sofferti.

44. U dwar tali ness, ir-rikorrent, filwaqt li tikkontendi li qed issofri minn diżabbilita` permanenti, eżebiet, bħala prova, ir-rapport *ex parte* tal-konsulent mediku Mr Darryl Coombes fejn iddikjara li r-rikorrenti għandha diżabilita` ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%).

45. Il-Qorti, f'dana l-istadju, fejn jirrigwarda l-livell ta' responsabbilta` mistennija meta jiġi inkarigat tabib hija dejjem li jitwettaq riżultat tagħmel referenza għal dak osservat mill-Qorti tal-Appell fil-każ, **Zerafa et vs Avramov et** deċiża fit-30 ta' Mejju 2008, fejn ingħad li:

> *"Il-Qorti li tiġi mitluba tiġġudika fuq għemil ta' professjonist m'għandhiex tissostitwixxi l-ġudizzju tagħha għal dak indikat mill-prattika tal-mediċina. Dak li hu mistenni minn kirurgu hu li jikkonforma ruħu ma' dak li jrid il-general medical practice mhux ma' dak li l-Qorti jidhrilha li għandu jsir… u ladarba jirriżulta li l-operazzjoni saret skont id-dettami tal-professjoni medika, ma jista' jkun hemm ebda responsabbilta."*

46. F'kawża odjerna, **Tessie Ellul et vs Dr. Astrid Camilleri** (2653/1999) deċiża fid-29 ta' April 2008, il-Qorti tal-Appell trattat il-livell ta' responsabbilta` tat-tobba fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom billi ingħad;

> *"….filwaqt li t-tabib ikun irid jipprova li hu aġixxa kif il-professjoni tistenna minnu, il-pazjent irid juri, fl-ewwel lok, li ġara xi ħaġa ħażina waqt l-intervent kirurġiku, xi ħaġa jiġifieri mhux mistennija li sseħħ f'operazzjoni ta' dik ix-xorta."*

47. Finalment, fil-każ **Rose Gauci et vs Mr. Donald Felice et** il-Qorti tal-Appell irreteniet hekk dwar allegata negliġenza tat-tobba:

> *"1. The true test for establishing negligence in diagnosis or treatment on the part of a medical practitioner is whether he has been proved to be guilty of such failure as no medical practitioner of equal specialist or general status and skill would be guilty of if acting with ordinary care.*

*2. If the allegation of negligence against a medical practitioner is based on proof that he deviated from a general and approved practice, that will not establish negligence unless it is also proved that the course he did take was the one which no medical practitioner of like specialisation and skill would have followed had he been taking the ordinary care required from a person of his qualification."*

***Rapport Peritali***

48. Jirriżulta li fil-mori tal-kawża, il-Qorti appuntat lill-Ispeċjalista fid-dentistrija Professur John Portelli sabiex jassistiha fil-konsiderazzjonijiet tekniċi dwar l-uġiegħ tar-rikorrenti w il-varji interventi illi sarulha.

49. Il-Professur John Portelli, fil-fatt, hekk għamel, ħejja rapport b'evalwazzjoni tax-xhieda kollha li ngħatat mill-mediċi f'dan il-każ, u ċioe' kritika ta' terzi persuni li xehdu f'dan il-każ, u spjega wkoll ċerta kliem tekniku mediku li ntuża fil-provi tal-atti tal-każ. Huwa ikkonstata l-opinjonijiet tiegħu dwar dak li ngħad fix-xhieda.

50. Il-Qorti, madanakollu, ma tistax ma tosservaż illi f'ebda mument ma semma' jew irrelata dwar eżami mediku u/jew kliniku illi huwa seta' għamel fuq ir-rikorrenti, eżami li solitament dejjem isir f'kawża fejn qed jintalbu danni konsegwenza ta' allegata debilita` permanenti.

51. Jirriżulta li fir-rapport tiegħu, l-espert Mr John Portelli ikkonkluda li :

*"L-uġiegħ li għandha bħalissa s-Sinjura Bartolo u li ilha tbati bih aktar minn għaxar snin, ma jistax jiġi attribwit għal intervent li għamlulha Dr. Jeffrey Pullicino Orlando u Dr. Alexander Azzopardi. Għaldaqstant, l-intimati Dr. Jeffrey Pullicino Orlando u Dr. Alexander Azzopardi mhumiex responsabbli għad-danni, inkluż korriment debilita` u inkapaċita permanenti li sofriet l-esponenti. Nathalie Bartolo in segwitu għall-interventi mediċi u ta' dentistrija eżegwita fuqha mill-intimati. Dr. Alexander mexa b'mod metodiku u strutturali. Meta aċċetta li jagħmel re-root treatment, mar oltre min dak li kien fi dmiru jagħmel.*

*Madankollu mix-xhieda jidher ċar illi r-root treatment u l-cantilever bridge li għamel Dr. Pullicino Orlando ma kinux suċċess. Għaldaqstant, kwalunkwe miżati li ħallset Nathalie Bartolo lil Dr Pullicino Orlando, kemm għal root treatment u għal failed cantilever bridge, kollox inkluż u xejn eskluż, għandhom jiġu mogħtija lura lis-sinjura mingħand Dr. Pullicino Orlando.*

*Kwalunkwe miżati li l-attriċi ħallset lil Dr. Azzopardi għal root treatment, li għamlilha inkluż it-temporary crowns u spejjeż assoċjati magħhom għandhom jiġu mogħtija valur lill-attriċi minn Dr. Pullicino Orlando.*

*L-attriċi għandha canine, first premolar u second premolar li ġew preparati għal bridge minn Dr. Pullicino Orlando. L-ispejjeż tar-restawr permanenti ta' dawn is-snien, jekk is-sinjura Bartolo tagħżel li tagħmel dan, għandhom jiġu mogħtija lill-attriċi minn Dr. Pullicino Orlando biex isir dan ir-restawr. Jien qed nistabbilixxi figura ta' €900 biex isir dan ir-restawr".*

52. Il-Qorti tirrileva illi, għalkemm il-Perit Espert Mediku seta' għamel varji konsiderazzjonijiet tekniċi, jidher ċar illi huwa naqas milli jagħmel l-aktar verifika essenzjali fl-operat tiegħu, ossija dik illi jeżamina l-persuna li qed tallega d-debilita' permanenti, ossija ir-rikorrent. Jirriżulta, di fatti, illi l-Perit Mediku straħ fuq il-varji rapporti illi sarulu, mingħajr ma qatt ivverifika l-kostatazzjonijiet tiegħu fuq il-persuna li qiegħda tilmenta minn xogħol ħażin, ossija r-rikorrenti. Tali nuqqas huwa wieħed illi, ta' bilfors, iwassal lil Qorti sabiex tagħti anqas piż lill-konklużjonijiet minnu raġġunti u tikkunsidra ulterjorment il-fatti u konstatazzjonijiet li joħorġu mill-provi prodotti.

53. Jirriżulta wkoll illi l-Qorti kienet appuntat ukoll lill-Perit Legali Dr. Vincent Galea, li ħa ħsieb jisma' wħud mix-xhieda, u kif ukoll ippreżenta r-rapport tiegħu. Wara li huwa elenka l-prinċipji legali, il-Perit Legali Dr. Vincent Galea straħ għal kollox fuq il-konklużjonijiet ta' l-espert mediku nominat Mr. John Portelli. Tant hu hekk li fir-rapport tiegħu Dr. Galea inkorpora estratt mill-konklużjoni ta' l-espert speċjalista dentista nominat mill-Qorti, b'hekk ladarba ġiet inkorporata l-konklużjoni tal-espert Mr. Portelli, ġie dikjarat fil-konklużjoni tar-rapport tal-Perit Legali, li l-prova dwar id-debilita` permanenti ma saritx. Sussegwentement, Dr. Vincent Galea ikkonkluda hekk:

"*Għaldaqstant, in vista tal-premess, ir-relatur huwa tal-fehma li l-Onorabbli Qorti għandha tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Dr. Alexander Azzopardi, id-Direttur Ġenerali tas-Saħħa u t-tabib prinċipali tal-Gvern u konsegwentement tiddikjarali t-talbiet fil-konfront tal-imsemmija konvenuti ma jissussistux. Fir-rigward tal-konvenut Dr. Jeffrey Pullicino Orlando, tilqa' limitatament l-imsemmija talbiet billi żżommu responsabbli għad-danni mhux ta' natura permanenti, u li hija ssubiet minħabba l-intervent tiegħu u konsegwentement tikkundannah iħallas id-danni kif fuq riportati wara li jsiru l-provi u d-dikjarazzjoni kif hawn fuq ingħad." (Skont ir-rapport ta' Mr. Portelli - sottolinear ta' din il-Qorti).*

54. In vista tal-punt diġa sollevat minn din il-Qorti, ma sarx eżami mediku u/jew kliniku fuq ir-rikorrenti, u kif ritenut ripetuttivament fil-ġurisprudenza nostrana, f'kawżi ta' din ix-xorta, fejn qed tiġi pretiża debilita` permanenti, il-Qorti ġeneralment, tistrieħ fuq

l-eżami mediku kondott mill-espert mediku u fuq dak ikkonstatat dwar debilita` permanenti.

55. Madankollu f'dan il-każ, dan l-eżami mediku ma sarx, għalhekk fin-nuqqas ta' dan, din il-Qorti ssib li hemm raġuni ċara u gravi sabiex il-Qorti ma tistrieħx fuq ir-rapport ta' l-espert mediku nominat. Konsegwentement, ladarba, l-perit legali adotta u inkorpora fil-konklużjoni tiegħu ir-rapport tal-espert mediku, din il-Qorti ma tistax tistrieħ lanqas fuq ir-rapport legali ppreżentat fl-atti tal-każ.

56. Hawnhekk, il-Qorti tagħmel referenza għall-artikolu 681 tal-Kap 12 li jipprovdi hekk:

> *"Il-Qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha."*

57. Kif ingħad fil-każ A.F. Ellis (Home Decor) Limited vs Raymond Azzopardi et deċiż fil-15 ta' Mejju 2014:

> *"Fis-sentenza tagħha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawża "Calleja vs Mifsud", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –*
>
> *Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tiegħu jikkostitwixxu skond il-liġi prova ta` fatt li kellhom bħala tali jiġu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova oħra. Mill-banda l-oħra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jingħata piż debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leġġerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-preżenti istanza kien kollu kemm hu wieħed ta' natura teknika li ma setax jiġi epurat u deċiż mill-Qorti mingħajr l-assistenza ta' espert in materja.*
>
> *B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tħares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx waħda sodisfaċentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konklużjoni ma kenitx sewwa tirriżolvi l-kweżit ta' natura teknika.*
>
> *In linea ta` prinċipju, għalkemm qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagħha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' tagħmlu b' mod leġġer jew kapriċċjuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami ("Grima vs Mamo et noe" – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).*

*Jiġifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx ġusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun waħda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn meħtieġ mil-lat tekniku. ( ara - "Cauchi vs Mercieca" – Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 ; "Saliba vs Farrugia" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 ; "Tabone vs Tabone et" – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; "Calleja noe vs Mifsud" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001 ; `Attard vs Tedesco et` - Qorti tal-Appell – 1 ta` Ġunju 2007 u "Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et" (Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta` Diċembru 2008).*

*Din il-Qorti tirribadixxi li l-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta` lilha mogħtija ta' talba għan-nomina ta` periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha taċ-ċirkostanzi, irraġonevoli" – ("Bugeja et vs Muscat et" – Qorti tal-Appell – 23 ta` Ġunju 1967)."*

58. In vista ta' dak espress aktar 'il fuq, in-nuqqas tal-Perit Mediku illi jeżamina lir-rikorrenti ifisser illi tonqos evalwazzjoni essenzjali illi għalih l-Perit Mediku kien appuntat sabiex jirrelata, fin-nuqqas ta' liema evalwazzjoni, il-Qorti tqis illi r-relazzjoni tal-Espert Tekniku ma tista' qatt titqies bħala waħda kompleta w ġusta, peress illi qatt ma saret evalwazzjoni fiżika u attwali tar-rikorrenti.

59. Il-Qorti għalhekk ser tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha abbażi tal-provi li jidhru miġbura quddiem il-Perit Legali Dr Vincent Galea.

## Intervent ta' Dr. Jeffrey Pullicino Orlando

60. Fl-ewwel lok, jirriżulta li Dr. Pullicino Orlando kien intervjena fuq ir-rikorrenti billi qassar is-snien sabiex jagħmlilha bridge bejn is-snien illi ma kellhiex aktar, u sussegwentement, wara li żviluppa uġiegħ li r-rikorrenti ma setgħetx tiflaħ għalih, huwa pproċeda wkoll b'root canal treatment. In segwitu, r-rikorrenti kienet baqgħet tilmenta minn uġiegħ tant li marret għand dentisti oħra, Dr. Felice, li ma kienx intervjena u sussegwentement Dr. Alex Azzopardi li intervjena. Dwar ix-xoghol dentali imwettqa minn Dr. Jeffrey Pullicino Orlando, hemm qbil fix-xhieda ta' tobba dentisti oħra, fosthom Dr. Felice li kien ħejja rapport, kif ukoll ta' Pullicino Orlando stess, fejn lkoll qablu li dan ir-root treatment sar b'mod inadegwat għaliex kienu qosra wisq. Din il-verżjoni tax-xhieda li tikkorobora l-verżjoni tar-rikorrenti, hija ulterjorment ppruvata permezz tal-X rays eżebiti fejn jidhru li dawn ir-root canal treatments kienu qosra.

61. Minn naħa l-oħra, Dr. Jeffrey Pullicino Orlando sostna li x-xogħol imwettaq minnu sar sew. L-assistenta tiegħu Marvic Zammit tikkorrabora l-verżjoni tiegħu. Fis-sottomissjonijiet ulterjuri tiegħu, Dr. Jeffrey Pullicino Orlando issottometta, li ebda

'short root treatment' ma jista' jagħti lok għal uġiegħ li ma jispiċċax għaliex ir-ratifikazzjoni tar-root treatment tneħħi kull infezzjoni.

62. Madankollu, il-fatt li hemm l-Xrays eżebiti, hija prova inkonfutabbli li x-xogħol tar-root canal treatments ma sarx skont is-sengħa u l-arti. Infatti, l-X rays, fejn jidhru f'forma ta' radiolucency, juru li dan it-trattament ta' root canal ma waslux s'isfel, b'hekk trabbiet infezzjoni li kienet raġuni tal-uġiegħ soffert mir-rikorrenti. Inoltre`, jirriżulta mill-assjem tal-provi li r-rikorrenti kellha infezzjoni tant li kellha tieħu l-antibiotiċi. Dr. Alex Azzopardi stess kien ukoll ikkonferma li r-root canal treatment li sar minn Dr. Jeffrey Pullcino Orlando ma kinux twal biżżejjed.

63. Għaldaqstant, dan il-fatt ta' culpa, li ma ntużatx il-prudenza u d-diliġenza rikjesta ta' bonus paterfamilias skont l-Artikolu 1032 tal-Kodiċi Ċivili da parti tad-dentist li intervjena, ossija Dr. Jeffrey Pullicino Orlando, hija suffiċjentement ippruvata.

64. Inoltre`, jinsab ippruvat ukoll, li hemm ness ta' kawża u effett ma' l-att u d-dannu soffert, skont l-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili suċitat, u dan ser jiġi spjegat u mistħarreġ aktar fid-dettal hawn taħt.

65. Nonostante l-fatt, li Dr. Pullicino Orlando sostna li 'short root canal treatment' ma jistax jagħti lok għal uġiegħ li ma jispiċċax, dan jikkontrasta ma' dak sostnut mill-pain specialist Dr. Marilyn Casha li sostniet fix-xhieda tagħha, li jista' jkun hemm infezzjoni għal tul ta' żmien inkluż snin, li tkun chronic u tikkawża chronic pain. Infatti, Dr. Marilyn Casha stess ikkonfermat li r-rikorrenti kienet ingħatat 'a long term treatment' ta' antibiotics. Uġiegħ kroniku huwa evidentement uġiegħ kontinwu. Dwar l-uġiegħ tar-rikorrent xehdet il-pain specialist Dr. Marilyn Casha u ddeskriviet l-uġiegħ hekk:

> *"Meta jkollok uġiegħ tat-tip li għandha r-rikorrenti, jaffetwalha ħajjitha u dan fis-sens li ma jħallihiex taħseb u dan peress li l-uġiegħ qiegħed hemm kontinwament u anke psikoloġikament s-side effects tal-mediċini li qed tieħu. Ir-rikorrenti kull meta rajtha jien dejjem kienet nervuża u mhux f'postha, dan minħabba l-uġiegħ."*

66. Dr. Marilyn Casha kompliet issostni fix-xhieda tagħha:

> *"Għalkemm m'inhix esperta fl-interventi li kellha l-attriċi, ngħid li d-dentisti kienu qed jaħdmu in that area of distribution, ……… jiġifieri fejn l-attriċi kellha l-uġiegħ fuq in-naħa tal-lemin ta' wiċċha."*

67. Mr. James Galea, li kompla jsegwi lir-rikorrenti, wkoll sostna fix-xhieda tiegħu li l-uġiegħ oriġina mar-root treatment oriġinali li kien sarilha minn Dr. Pullicino Orlando. Dan ġie sostnut ukoll minn Dr. Coombes.

68. Irid jiġi kkunsidrat ukoll, dak li kulħadd qabel fuqu unanimament fix-xhieda, u dan b'referenza għall-mediċi li xehdu, hemm qbil unanimu li r-rikorrenti wara l-

kumplikazzjonijiet u l-interventi li sarulha għadha qed tbagħti minn uġiegħ sal-ġurnata tal-lum, liema uġiegħ jikkonsisti prinċiplament fuq uġiegħ f'ħalqha u f'wiċċha fuq il-lemin, u xoffitha imtarrxa fuq in-naħa t'isfel fuq il-lemin.

69. Il-Qorti ma tistax ma tikkonkludix illi, għalkemm ma ġiex ippruvat definittivament minn fejn qed joriġina dan l-uġiegħ, ma huwa bl-ebda mod kontestat mit-tobba kuranti tagħha, li hija baqgħet u għadha tilmenta minn dan l-uġiegħ f'ħalqha u f'wiċċha fuq in-naħa tal-lemin, li huwa chronic facial pain.

70. Inoltre`, fir-risposta numru sitta tad-domanda in eskussjoni, Mr. Portelli ikkonferma li r-rikorrenti għandha facial pain, u sostna li f'każijiet ta' uġiegħ lamentat bħal dan, f'każ li ma jkunx hemm riżultati mediċi u patoloġiċi, il-prattiku mediku jkollu jistrieħ fuq ir-risposta tal-pazjent.

71. Ir-rikorrenti baqgħet tilmenta minn dan l-uġiegħ tant li hija anke marret għand Dr. Coombes fl-Ingilterra li kien intervjena fuqha b'cyrotherapy fl-2011, iżda kif qal Dr. Coombes "*nerve was already damaged when I intervened*". Ir-rikorrenti stess ikkonfermat, li anke konsegwenza tal-uġiegħ ħakmitha dipressjoni u kellha tibda tmur għal visti għand il-Psikjatra Dr. Anthony Dimech. Christine Bartolo bint ir-rikorrenti ikkonfermat ukoll, li r-rikorrenti ommha tant baqgħet tbagħti minn dan il-chronic facial pain, li ma baqgħetx indipendenti u saret dipendenti fuqha u fuq missierha.

72. Għalhekk, mill-assjem tal-provi, jidher li l-uġiegħ, magħruf bħala chronic facial pain baqa' jiżdied u jikber in segwitu għall-intervent oriġinali tar-root canal treatments minn Dr. Pullicino Orlando.

73. Fl-eċċezzjonijiet tiegħu, Dr. Pullicino Orlando sostna li r-rikorrenti kienet marret għandu oriġinarjament tilmenta minn dentist ieħor. Iżda, ma tressqet l-ebda prova dwar trattament jew intervent preċedenti fuq ir-rikorrenti li ma kienx sar skont is-sengħa u l-arti u skont id-dettami tal-professjoni medika. Mill-banda l-oħra, jirriżulta illi Dr Jan Muscat stqarr illi r-rikorrenti eventwalment marret għand Dr Pullicino Orlando peress illi huwa ma jagħmilx ix-xogħol li Dr Pullicino Orlando kien f'posizzjoni illi jagħmel.

74. Jiġi osservat ukoll, li Dr. Jeffrey Pullicino Orlando, fis-sottomissjonijiet oriġinali tiegħu, ossija qabel ma' l-Perit Mediku tal-Qorti ikkonkluda li ma kienx hemm debilita permanenti, kien ikkonċeda illi seta' kien hemm diżabbilta' permanenti u pproċeda biex ħadem il-komputazzjoni ta' danni, fejn ibbaża l-komputazzjoni tiegħu billi, bħala tabib dentist li intervjena fuqha, stqarr li debilita permanenti kellha tkun ta' mhux aktar minn tnax punt ħamsa fil-mija (12.5%), u dana filwaqt illi insista li l-ammont ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) minn Dr. Coombes kien għoli wisq.

75. Naturalment, la darba l-Perit Mediku wasal għal konklużjoni li ma kellha ebda diżabbilta' permanenti, fin-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri ma kien għamel l-ebda komputazzjoni u sostna li m'għandux iħallas l-ebda danni, iżda dan sar biss in segwitu għar-rapport ta' l-espert Mr. John Portelli.

76. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti tqis li, għalkemm ma tistax tingħata debilita` permanenti minn din il-Qorti għaliex mhuwiex il-kompitu taghha fiċ-ċirkostanzi, madanakollu ġie suffiċjentement ippruvat, għas-sodisfazzjon tal-Qorti, li l-interventi ta' Dr. Pullicino Orlando kienu inadegwati, u r-rikorrenti baqgħet in segwitu tbagħti minn chronic facial pain, fejn l-intimat Pullicino Orlando ikkonstata li l-agħar ipotesi ta' diżabilta' permanenti kien ta' tnax punt ħamsa fil-mija (12.5%).

**Intervent ta' Dr. Alexander Azzopardi**

77. Mill-assjem tal-provi, jirriżulta, li sussegwentement għall-intervent ta' Dr. Jeffrey Pullicino Orlando, ir-rikorrenti kienet marret għand Dr. John Felice li, wara li osserva li ma kinitx ta' jdejh, bagħtha bil-problema tal-uġiegħ għand Dr. Alex Azzopardi. Wara li ġie affermat li r-root canal treatment li kien sar minn Dr. Jeffrey Pullicino Orlando, kien inadegwat, Dr. Azzopardi, pproċeda biex neħħa r-root treatment preċedenti, u għamel root treatment ġdid, kif ukoll amministralha antibiotiċi, stante li s-sinjura Bartolo kellha infezzjoni, li kienet kawża tal-uġiegħ. Sussegwentement, Dr. Azzopardi, kien ordna '*bone biopsy*' lir-rikorrenti, fejn irriżulta li kellha infezzjoni fl-għadam tax-xedaq, magħrufa bħala osteomyelitis.

78. In segwitu, Dr. Azzopardi kien intervjena billi għamel ir-root treatment mill-ġdid. Mr. James Galea, fil-fatt, ikkonferma li dawn ir-root treatments saru korrettement. Għalhekk, m'hemm l-ebda kwistjoni jew kontestazzjoni dwar l-intervent tar-root treatment, li indubbjament sar sew minn Dr. Azzopardi.

79. Nonostante dan, ir-rikorrenti baqgħet tilmenta minn uġiegħ f'ħalqha u f'wiċċha fuq in-naħa tal-lemin, u kien għalhekk, li baqgħet tagħmel visti għand dentisti fosthom Mr. James Galea, u kif ukoll aktar tard ma' Dr. Coombes.

80. Mill-provi fl-atti tal-każ, hemm diverġenza ta' opinjonijiet mediċi dwar il-bone biopsy li saret minn Dr. Azzopardi. Fil-fatt, kemm Mr. James Galea u Dr. Coombes għamlu deduzzjoni fix-xhieda tagħhom, li r-rikorrenti sarilha ħsara fin-nerv waqt il-'bone biopsy' u li l-bone biopsy saret bla bżonn. Minn naħa l-oħra, fis-sottomissjonijiet, Dr. Azzopardi sostna li meta saret il-bone biopsy, kien sabiex jipprova jsib is-sors tal-uġiegħ u bl-ebda mod, ma ġie ppruvat li kien Dr. Azzopardi li ddanneġġa n-nerv. Infatti, ġie sottomess fis-sottomissjonijiet tiegħu, li d-dannu *per se* mhuwiex il-prova aħħarija ta' negliġenza da parti ta' tabib, għaliex il-fatt waħdu li jiġi ppruvat id-dannu fin-nerv, ma jfissirx li t-tabib huwa ħati ta' negliġenza. In sostenn għall-argument tiegħu, fis-sottomissjonijiet, Dr. Azzopardi rrefera gall-konklużjonijiet ta' Mr. James Galea u Dr. Coombes, it-tobba li r-rikorrenti qed tibbaża t-teżi tagħha fuqhom.

81. Relevanti huwa dak konkluż minn Mr. Galea u Dr. Coombes, li fl-ewwel lok, ġie konkluż li l-uġiegħ soffert mir-rikorrenti kellu diversi fatturi u 'triggers'. In sostenn għall-argument tiegħu, Dr. Azzopardi irrefera wkoll għar-riżultati patoloġiċi u r-riżultati ta' Xrays, li juru li r-rikorrenti qabel marret għand Dr. Azzopardi kellha infezzjoni li tirriżulta minn dawn it-testijiet. Inoltre`, meta saritilha l-bone biopsy

irriżulta li hija kellha nfezzjoni fl-għadma. Inoltre`, ġie sottomess ukoll fis-sottomissjonijiet ta' Dr. Azzopardi, li wieħed mis-sintoma ta' infezzjoni fl-għadma, ossija osteomyelitis huma xofftejn imtarrxa, u n-nerv ikkonċernat li qed tilmenta minnu r-rikorrenti ma igħaddix minn fejn saret il-biopsy.

82. Mill-provi jirriżulta, li r-rikorrenti ippruvat 'l hinn minn kull dubju illi verament hija qed tilmenta minn uġiegħ, li jissejjaħ neuropathic pain, li jikludi 'idiopathic facial pain'. Meta Dr. Coombes intervjena fuq ir-rikorrenti permezz ta' cyrotherapy, kien ikkonkluda li dan l-intervent ma setax jirnexxi għaliex in-nerv kien diġa danneġġjat.

83. Madankollu, din il-Qorti, tikkunsidra, li bl-ebda mod fl-atti tal-każ ma ġie ppruvat li d-dannu fin-nerv sar konsegwenza ta' l-intervent u t-trattament ta' Dr. Alex Azzopardi. Għalhekk, f'dan ir-rigward, taqbel mas-sottomissjonijiet ta' Dr. Azzopardi stess, li mhuwiex suffiċjenti li jiġi ppruvat id-dannu sabiex it-tabib jinstab ħati ta' negliġenza, iżda jeħtieġ li jkun hemm ness ta' kawża u effett li jiġi ppruvat u li l-prova tistabilixxi li d-dannu tnissel minn att jew ommissjoni ta' tabib. Għaldaqstant ma inġabet ebda prova li turi li allegatament inkiser l-istandard mediku mitlub minn Dr. Alex Azzopardi.

84. F'dan il-kuntest, huwa relevanti ħafna dak li sostniet il-pain specialist Dr. Marilyn Casha f'dan ir-rigward, li qalet li n-nerv jista' jiġi effetwat u sensitizzat anke jekk ikun hemm infezzjoni fil-viċin. Issa li r-rikorrenti kellha infezzjoni fl-għadma, billi rriżulta li kellha osteomyelitis huwa stabbilit, b'hekk aktar u aktar ma tistax tiġi attribwita ebda ħtija jew negliġenza lil Dr. Alex Azzopardi.

85. Inoltre`, l-allegata sottomissjoni tar-rikorrenti, kif sostnuta minn Mr. James Galea u Dr. Coombes, li l-bone biopsy saret għal xejn ma treġġix, ladarba instab li Nathalie Bartolo kellha *osteomyelitis*, infezzjoni fl-għadma. Dr. Azzopardi kien proprju għalhekk li ordna l-bone biopsy sabiex ifittex kull sors ta' uġiegħ. Di piu`, minn dak li jinsab eżebit fid-dokument tat-test tal-laboratorju eżebit a fol 49-50 tal-proċess, u ffirmat minn Dr. A. Savic u Dr. A Betts, it-test li sar lir-rikorrenti ma kienx għal xejn.

86. Għalhekk, din il-Qorti ma tistax toqgħod fuq id-deduzzjoni ta' Mr James Galea u Dr. Coombes li l-bone biopsy saret għal xejn, kwindi ma jistax jiġi attribwit ebda tort jew ebda culpa jew negliġenza da parti tat-tabib Dr. Alex Azzopardi.

87. Għalhekk tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' Dr. Azzopardi, u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tiegħu.

## Direttur Ġenerali tas-Saħħa u t-Tabib Prinċipali tal-Gvern

88. Ir-rikorrenti ipproċediet ukoll kontra d-Direttur Ġenerali tas-Saħħa u kontra t-Tabib Prinċipali tal-Gvern, għaliex xi parti mit-testijiet u interventi ordnati minn Dr. Alex Azzopardi saru fl-isptar Mater Dei kif jidher mill-istess atti eżebiti tar-riżultati mediċi fil-konfront tar-rikorrenti.

89. Kif diġa ġie stabbilit ma ġiet ippruvata ebda ħtija jew negliġenza da parti ta' Dr. Alex Azzopardi. Jiġi osservat ukoll, li ma nġabet ebda prova fil-konfront tad-Direttur Ġenerali tas-Saħħa u tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern.

90. Għalhekk, tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimati Direttur Ġenerali tas-Saħħa u tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern f'dan ir-rigward.

## Danni

91. B'referenza għal danni subiti pretiżi, huwa relevanti, f'dan il-kuntest, il-prinċipju ġenerali dwar danni stabbiliti fl-artikolu 1032 tal-Kap 16.

92. **L-Artikolu 1032 tal-Kap 16** tal-Liġijiet ta' Malta jistipula:

*"(1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja."*

93. Dan ifisser li huwa fi ħtija kull min jiddiporta ruħu b'leġġerezza ċensurabbli u b'ineskużabbli imprudenza (Vide **Fadda** 'Giurisprudenza Codice Civile Italiano', para 4467. Għalhekk in-nozzjoni ta' 'colpa', aċċettata fis-sistema legali tagħna, bbażata fuq il-prevedibbilita` li hija distinta mill-previżjoni u sservi biex tiddistingwi l-'colpa' mill-każ fortuwitu.

94. Huwa paċifiku li l-likwidazzjoni tad-danni għandha sseħħ fuq żewġ binarji; id-danni attwalment sofferti ('damnum emergens') u dawk id-danni kawża l-inkapaċita` ikkaġunata 'lucrum cessans' kif provvdut mill-Artikolu 1045 tal-Kap 16. Ir-rikorrenti fis-sottomissjonijiet tagħha, sostniet li hija għandha tingħata danni ta' 'damnum emergens' u 'lucrum cessans'.

95. Jirriżulta mill-premessi, mit-talbiet u mill-atti tal-każ, li r-rikorrenti qed tippretendi kumpens għal danni sofferti, liema danni jridu jiġu likwidati minn din il-Qorti. Jirriżulta, li r-rikorrenti qiegħda tirreklama *damnum emergens* stante li eżebiet riċevuti li ħallset għal visti ta' tobba kif ukoll trattamenti, li jinsabu eżebiti fol 307 sa 322, b'hekk hemm il-prova ta' l-spejjeż inkorsi minnha, fil-każ in eżami.

96. Għalhekk, din il-Qorti taqbel li għandu jitħallas l-ammont ta' **damnum emergens** kif reklamat mir-rikorrenti fl-ammont ta' €720.96.

97. Dwar 'lucrum cessans', ir-rikorrenti bbażat ir-rata ta' debilita` permanenti fuq dak ikkonstatat mill-espert tabib *ex parte* Dr. Darryl Coombes. Iżda, fiċ-ċirkostanzi kumplessi ta' dan il-każ, din il-Qorti ma tistax toqgħod fuq dak ikkonstatat mill-perit *ex parte* li ra lir-rikorrenti snin ilu u li intervjena fuqha fl-2011. Inoltre`, jiġi ritenut, li r-rikorrenti ma talbitx li jiġu maħtura periti perizjuri, kif kellha kull dritt li tagħmel,

għalhekk bl-ebda mod ma jista’ jiġi adotattat il-persentaġġ ta’ ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) debilita` permanenti kif ikkonstatat minn Dr. Coombes.

98. Mill-banda l-oħra, l-intimat Pullicino Orlando, fejn kien qed jagħmel sottomissjonijiet dwar diżabbilta permanenti, stqarr illi ċertament tali diżabbilta permanenti ma seta’ qatt ikun aktar minn 12.5% - vide fol 407.

99. Madankollu, tenut kont tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kif spjegati aktar ’il fuq, il-fatt, li l-espert mediku nominat mill-Qorti ma eżaminax lir-rikorrenti b’test mediku u kliniku, kif normalmanet isir f’kawżi ta’ din ix-xorta iwassal biex din il-Qorti ma setgħetx tistrieħ fuq ir-rapport imħejji minnu. Tenut kont ta’ dan, ladarba jinsab affermat mix-xhieda kollha prodotti li r-rikorrenti għadha tinsab f’qagħda ta’ chronic pain u neuropathic pain, fejn huwa ben stabbilit fil-provi li r-rikorrenti qed tbagħti minn uġiegħ inkrepattiv, din il-Qorti ser tieħu konjizzjoni ta’ din ir-riżultanza ta’ uġiegħ, li mhijiex ikkontestata.

100. Għalhekk, wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni kemm ta’ dak komputat fis-sottomissjonijiet, kif ukoll tal-fatti u ċirkostanzi partikolari ta’ dan il-każ, din il-Qorti tqis li minħabba n-natura tar-riżultanzi, il-fatti u ċirkostanzi partikolari, hija ma tistax taħdem id-danni bil-komputazzjoni matematika li jirrikorru għaliha solitament il-Qrati proprju għaliex l-espert mediku nominat mill-Qorti ma eżaminax lir-rikorrenti, b’eżami mediku u kliniku, u l-konklużjoni li r-rikorrenti ma tbagħti minn ebda debilita’ permanenti ma tistax tiġi kkunsidrata bl-ebda mod, peress illi l-perit Mediku QATT ma eżamina lir-rikorrent. Fin-nuqqas ta’ persentaġġ ta’ debilita` maħruġa minn espert mediku, din il-Qorti ma tistax toħroġ hi b’persentaġġ dwar debilita`.

101. Madanakollu, tenut kont li jirriżulta ċar illi r-rikorrenti għandha uġiegħ, il-Qorti hija tal-fehma li għandha tapplika l-prinċipju tal-ġustizzja ekwitattiva. (Ara **Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co. Ltd.** deċiża fit-13 ta’ Ottubru 2004). Dawn il-Qrati dejjem irritenew, li ma jistax ikun iddubitat li l-ġudikant għandu l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qliegħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. F’deċiżjoni f’Vol XXXV P.III p 615 f’kollezzjonijiet ta’ deċiżjonijiet, ġie segwit l-insenjament tal-Qorti taljana di cassazione fejn ingħad:

> *“vi hanno casi in cui non potendosi avere mezzi istruttori, e rimesso al magistrate il valutare ‘ex aequo et bono’ secondo i dettami della sua ragione e coscienza l-ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato.”*

102. Ovvjament, il-likwidazzjoni ta’ danni abbażi ta’ dan il-prinċipju, mhuwiex abbażi ta’ danni ben stradati permezz tal-komputazzjoni matematika li jirrikorru għaliha l-Qrati b’kalkolu preċiż fuq formoli żviluppati, kif jinsab fil-ġurisprudenza nostrana.

103. Infatti, fil-każ **Joseph Attard et vs Direttur Ġenerali tas-Saħħa** (908/2005/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta’ Mejju 2014, fejn ukoll kien hemm talba għad-danni ‘sic et simpliciter’, ġie ribadit li il-likwidazzjoni tad-danni ‘arbitrio buoni viri’

ssir meta ikun diffiċli għall-attur li jipprova bil-mezzi ordinarji danni li huwa effettivament ikun sofra.

104. Għalhekk, din il-Qorti abbażi tal-prinċipju suespost, ser tillikwida d-danni *arbitrio buoni viri*.

105. Din il-Qorti wara li kkunsidrat il-fatti kollha w il-kumpless tal-provi in atti, kif ukoll is-sottomissjonijiet kollha tal-partijiet u r-riżultanzi fattwali, tqis illi huwa ġust u ekwu li tillikwida d-danni dovuti mill-intimat Dr. Jeffrey Pullicino Orlando dovuti lir-rikorrenti fl-ammont ta' ħmistax-il elf Ewro (€15,000) *arbitrio buoni viri*.

**Somma dovuta**

106. Ikkunsidrati l-fatti kif fuq diskussi, apparti is-somma kif likwidata arbitrio buoni viri tammonta għal ħmistax-il elf (€15,000), hekk ukoll is-somma rigwardanti *damnum emergens* rappreżentanti spejjeż mediċi inkorsi mir-rikorrenti, li għandha titħallas ukoll mill-intimat Dr. Jeffrey Pullicino Orlando, li ġia ġiet stabbilita fis-somma ta' seba' mija u għoxrin ewro, u sitta u disgħin ċenteżmu (€720.96).

107. Għalhekk, is-somma totali dovuta lir-rikorrent bħala danni hija ta' ħmistax-il elf Ewro, seba' mija u għoxrin Ewro, u sitta u disgħin ċenteżmu (€15,720.96).

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha u l-provi kollha prodotti ppreżentati quddiemha;

Wara li rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tar-rikorrenti u tal-intimati;

Wara li rat is-sottomissjonijiet ulterjuri tal-abbli difensuri tar-rikorrenti u tal-intimati;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tilqa'** l-eċċezzjoni tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern stante li ma twettaq ebda intervent minnu fuq ir-rikorrenti.

**Tilqa'** l-eċċezzjoni ta' Dr. Alex Azzopardi, stante li m'hemm l-ebda responsabbilta` da parti tiegħu.

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet fir-risposta tal-intimat Dr. Jeffrey Pullicino Orlando.

**Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrenti kif ġej:

Tilqa' l-ewwel talba billi, fil-konfront ta' Dr. Jeffrey Pullicino Orlando, **Tiddikjara** l-istess l-intimat Dr. Jeffrey Pullicino Orlando unikament responsabbli għad-danni u uġiegħ sofferti mir-rikorrenti, in segwitu għall-intervent ta' dentistrija minnu magħmula.

Tilqa' t-tieni talba u **Tillikwida** d-danni kkawżati minn Dr Jeffrey Pullicino Orlando fil-konfront tar-rikorrenti fl-ammont ta' ħmistax-il elf, sebgħa mija u għoxrin Euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€15,720.96).

Tilqa' t-tielet talba u **Tikkundanna** lill-intimat Dr. Jeffrey Pullicino Orlando jħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' ħmistax-il elf, sebgħa mija u għoxrin Euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€15,720.96).

**L-ispejjeż** għall-proċedura odjerna għandhom ikunu kollha a kariku tal-intimat Dr. Jeffrey Pullicino Orlando.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur